



Diskors
fis-Sessjoni Plenarja tal-Parlament Ewropew

Kif ippreżentat

Ursula von der Leyen
President eletta tal-Kummissjoni Ewropea

Strasburgu
is-27 ta' Novembru 2019

Diskors fis-Sessjoni Plenarja tal-Parlament Ewropew



Ursula von der Leyen

President elett tal-Kummissjoni Ewropea

Strasburgu, is-27 ta' Novembru 2019



Sur President, Onorevoli Membri,

Illum, is-27 ta' Novembru u eżattament 30 sena ilu, l-arloġġ daqq nofsinhar.

Il-qniepen tal-knisja bdew idoqqu. Instema' l-ħoss qawwi tas-sireni. Il-ħaddiema telqu l-għodod minn idejhom. Il-fabbriki, il-minjieri u l-ħwienet tbatllu hekk kif it-toroq imtlew bi żfin u tama.

L-istrajk ġenerali storiku ta' sagħtejn f'nofs **ir-Rivoluzzjoni tal-Bellus** ra n-nies minn Praga sa Bratislava jieħdu sehem f'mewġa sabiħa u paċifika ta' libertà, kuraġġ u għaġda.

Għalija, dawn is-sagħtejn imissu l-qalba tas-sinifikat veru tal-Unjoni Ewropea.

Il-partiti u l-politika, ir-regoli jew ir-regolamenti, is-swieq jew il-muniti huma sekondarji. Fl-aħħar mill-aħħar – u fuq kollox – l-importanti huma n-nies u l-aspirazzjonijiet tagħhom. Hija dwar in-nies li jingħaqdu flimkien. Għal-libertà tagħhom, għall-valuri tagħhom, u sempliċiment għal futur aħjar.

Hemm kwotazzjoni mill-kbir Václav Havel – wieħed mill-eroj tal-1989 – li għalija tispikka meta nħares lejn il-ġejjieni. Huwa qal:

“Stinka għal kawża minħabba li hija tajba, mhux biss għaliex għandha ċans li tiġi żewġ.”

Nagħżel din il-kwotazzjoni għaliex tul il-ħames snin li ġejjin, l-Unjoni tagħna flimkien se tibda t-triq ta' trasformazzjoni li se toqot lil kull parti tas-soċjetà u l-ekonomija tagħna.

U se nagħmlu dan għaliex hekk hu sew li jsir. Mhux għax se tkun ħaġa faċli.

Xi drabi ninsew li l-akbar kisbiet tagħna dejjem saru meta konna kuraġġużi.

Konna kuraġġużi meta fittixna l-paċi fejn kien hemm l-uġiġħ.

Konna kuraġġużi meta ħloqna suq uniku u munita unika.

Konna kuraġġużi meta lqajna parti mill-familja Ewropea tagħna li kienu ilhom barra fis-sirda għal żmien twil wisq.

Imma fl-aħħar snin, kellna niffukaw fuq dak li kien qed jiġri bħalissa, nieħdu ħsieb kriżi u emerġenza wara l-oħra, nissieltu biex inżommu intatti l-għaqda u s-solidarjetà tagħna.

Jekk wara dan kollu ħriġna iktar b'saħħitna – u nemmen li hekk għamilna – fil-parti l-kbira dan kien grazzi għat-tmexxija u d-determinazzjoni tal-predeċessur tiegħi **Jean-Claude Juncker, Ewropew kbir. Huwa ddedika qalbu, ruħu u ħajtu għall-Unjoni tagħna u dak li ħalla warajh jitellem għalih innifsu.**

Jean-Claude... grazzi mingħandna lkoll!

Onorevoli Membri tal-Parlament Ewropew,

Għaddew erba' xhur minn meta tajtuni l-fiduċja tagħkom. Minn dak iż-żmien, iltqajt mal-gruppi politiċi kollha u mal-kapijiet tal-Istat tal-gvernijiet kollha.

Flimkien, sawwarna tim Ewropew eċċezzjonali. Intom, il-membri tal-Parlament, għarbiltu kull wieħed u waħda minna.

Wegħidtkom li se nismagħkom. U dak hu eżattament li se nagħmel. U hekk se nibqa' nagħmel, flimkien ma' Maroš Šefčovič u l-Membri kollha l-oħra tal-Kulleġġ. Ta' spiss qbilna flimkien, u iva, xi drabi ma' qbilniex. Imma hekk taħdem id-demokrazija.

Illum, hawnhekk, fil-qalba tad-demokrazija Ewropea, qed nitlob is-sostenn tagħkom għal bidu ġdid għall-Ewropa.

Onorevoli Membri,

It-tim li qed tivvotaw għalih illum ġej minn kulturi u pajjiżi differenti u għandu sfondi u kuluri politiċi differenti.

Għandna għalliema u bdiewa, sindki u ministri, tobbja u diplomatiċi, inġiniera u intraprendituri.

Għandna dawk li twieldu qabel ma nbena l-Ħajt ta' Berlin u dawk li twieldu wara li twaqqaq. Dawk li għexu taħt id-dittatorjat u dawk li għenu lid-demokraziji l-ġodda jissieħbu fl-Unjoni tagħna.

Hu tim li għandu nisa kważi daqskemm għandu rġiel – mara waħda biss 'il bogħod minn bilanċ bejn is-sessi. Dan juri li għamilna progress ta' veru iżda wkoll li għad għandna aktar x'nagħmlu.

Bħala l-ewwel mara President tal-Kummissjoni, kull Membru tal-Kulleġġ tiegħi se jkollu Kabinett li fih bilanċ bejn is-sessi – *għall-ewwel darba*. U sa tmiem il-mandat tagħna se jkollna ugwaljanza bejn is-sessi fil-livelli kollha tal-amministrazzjoni – *għall-ewwel darba*.

Dan se jbidel wiċċ il-Kummissjoni.

Kull Membru tat-tim tiegħi se jgħid l-istejjer personali u l-perspettivi tiegħu dwar l-Ewropa. Kull wieħed se jkollu l-politiki u l-prijoritajiet tiegħu stess x'jimmantiġġja.

Iżda **lkoll flimkien, se nkunu tim wieħed li jaħdem fl-interess komuni Ewropew**. Se nkunu tim wieħed li jaħdem flimkien ma' din il-Kamra u mal-Istati Membri biex jindirizza l-isfidi ewlenin tal-ġenerazzjoni tagħna.

Aħna lesti. Iżda l-aktar importanti, l-Ewropa hija lesta.

Il-messaġġ tiegħi huwa sempliċi: ejjew nibdew naħdmu.

Onorevoli Membri,

Qed ngħixu f'dinja instabbli fejn huma bosta dawk f'pożizzjoni ta' poter li jikkellmu biss il-lingwaġġ tal-konfrontazzjoni u tal-unilateraliżmu. Iżda hija wkoll dinja fejn miljuni ta' nies qed jinżlu fit-toroq – biex jipprotestaw kontra l-korruzzjoni jew biex jitolbu bidla demokratika.

Id-dinja teħtieġ it-tmexxija tagħna aktar minn qatt qabel. Biex nibqgħu nipparteċipaw fid-dinja bħala forza responsabbli. Biex inkunu forza għall-paċi u għal bidla pożittiva.

Għandna nuru lill-imsieħba tagħna fin-Nazzjonijiet Uniti li huma jistgħu jorbtu fuqna, bħala promoturi tal-multilateraliżmu.

Irridu nuru lill-ħbieb tagħna fil-Balkani tal-Punent li għandna l-istess kontinent, għandna l-istess storja, għandna l-istess kultura – u se naqsmu l-istess destin ukoll. Il-bieb tagħna jibqa' miftuħ.

Naqsmu wkoll l-istess destin mal-imsieħba tagħna fin-naħa l-oħra tal-Atlantiku.

Iva, għandna l-problemi – bla dubju ta' xejn. Iżda r-rabtiet tagħna baqqgħu sodi matul iż-żminijiet. Aħna u nitkellmu, eluf ta' studenti, riċerkaturi, intraprendituri u artisti qed jibnu *zviljuni* ta' ħbiberiji, kuntatti imprenditorjali, u proġetti xjentifiċi.

Dawn il-ħjut imżewqa mill-ifjen minsuġa flimkien joħolqu rabta li hija aktar b'saħħitha minn kwalunkwe punt individwali ta' nuqqas ta' qbil.

Il-pajjiżi mil-lvant għall-punent, min-nofsinar għat-tramuntana, għandhom bżonn l-Ewropa bħala sieħeb ta' veru. **Nistgħu nkunu dawk li nsawru ordni globali aħjar.**

Din hi l-vokazzjoni tal-Ewropa. U dan hu li jixtiequ ċ-ċittadini Ewropej.

Kuntenta li għandi diplomatiku b'esperjenza kbira bħal Josep Borrell fit-tim tagħna, li se jaħdem flimkien ma' Jutta Urpilainen, Olivér Várhelyi u Janez Lenarčič. Se jagħmlu xogħol imprezzabbli flimkien.

Se ninvestu f'alleanzi u koalizzjonijiet biex navvanzaw il-valuri tagħna. Se nipromwovu u niproteġu l-interessi tal-Ewropa permezz ta' kummerċ miftuħ u ġust. Se nsaħħu lis-sħab tagħna permezz ta' kooperazzjoni, minħabba li sħab b'saħħithom jagħmlu lill-Ewropa b'saħħitha wkoll.

Il-Kummissjoni tiegħi mhux se tibża' titkellem il-lingwa tal-kunfidenza. Iżda dan se nagħmluh bil-mod tagħna, il-mod Ewropew.

Din hija l-Kummissjoni ġeopolitika li għandi f'moħħi, u li l-Ewropa teħtieġ b'mod tant urġenti.

Onorevoli Membri,

Jekk hemm qasam fejn id-dinja teħtieġ it-tmexxija tagħna, dan huwa fir-rigward tal-protezzjoni tal-klima tagħna. Din hija kwistjoni eżistenzjali għall-Ewropa – u għad-dinja kollha kemm hi.

Kif tista' ma tkunx eżistenzjali meta 85 % tan-nies li qed jgħixu f'faqar estrem qed jgħixu fl-20 pajjiż l-aktar vulnerabbli għat-tibdil fil-klima?

Kif tista' ma tkunx eżistenzjali meta naraw lil Venezja taħt l-ilma, il-foresti tal-Portugal fuq il-ħuġġieġa, jew l-għelejjet tal-Litwanja jonqsu bin-nofs minħabba n-nixfiet?

Dan ġara qabel bla dubju, imma qatt qabel b'din il-frekwenza u intensità.

M'għandniex sekonda x'nitilfu fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. Aktar ma l-Ewropa taġixxi bil-ħeffa, akbar se jkun il-vantaġġ għaċ-ċittadini tagħna, għall-kompetittività tagħna u għall-prosperità tagħna.

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew huwa essenzjali għas-saħħa tal-pjaneta tagħna u taċ-ċittadini tagħna – u għall-ekonomija tagħna.

Frans Timmermans huwa l-persuna ideali biex dan iseħħ. U ninsab kuntenta li se jkun appoġġat minn Kadri Simson, Adina Vălean u ħafna oħrajn.

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew huwa l-istrateġija l-ġdida tagħna għat-ktabbir. Dan se jgħinna nnaqqsu l-emissjonijiet filwaqt li noħolqu l-impjiegi.

Fil-qalba tagħha, se tkun strateġija industrijali li tippermetti li l-impriżi tagħna – kbar u żgħar – jinnowaw u jiżviluppaw teknoloġiji ġodda filwaqt li joħolqu swieq ġodda. Se nkunu dawk li jstabbilixxu standards globali. Dan huwa l-vantaġġ kompetittiv tagħna. U l-aħjar mod biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ugwali.

Imma dan kollu għandu jservi lill-popli Ewropej.

Huma jridu u qed jistennew mill-Ewropa li taġixxi fuq il-klima u l-ambjent. Iżda dawn jeħtieġu wkoll enerġija nadifa u sigura u għall-but ta' kulħadd. Jeħtieġ li jkunu kompetenti u mħarrġa biex jieħdu l-impjiegi tal-ġejjieni. Jeħtieġ li jivvjaġġaw lejn dawk l-impjiegi l-ġodda jew li jkunu konnessi mid-dar. U rridu niżguraw li dawk il-ħtiġijiet jiġu ssodisfati b'mod sostenibbli.

Hija tranżizzjoni ġenerazzjonali lejn in-newtralità tal-klima sa nofs is-seklu. **Iżda din it-tranżizzjoni trid tkun ġusta u inklużiva – inkella ma sseħħ.**

Se tkun teħtieġ investiment massiv fl-innovazzjoni, fir-riċerka, fl-infrastruttura, fl-akkomodazzjoni, u fit-taħriġ tan-nies. Se tirrikjedi investimenti pubbliċi u privati – fil-livell Ewropew u dak nazzjonali.

U għal darba oħra l-Ewropa diġà qiegħda fuq quddiem twitti t-triq. L-Unjoni Ewropea se tissimplifika l-finanzjament tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima fil-baġit kollu tagħha, iżda wkoll fis-swieq kapitali kollha u fil-katina kollha tal-investment.

Fir-reġjuni li se jkollhom jagħmlu l-akbar pass, se nappoġġaw lin-nies u lill-impriżi b'mekkaniżmu ta' tranżizzjoni ġust u mmirat. Se nnaqqsu l-proċeduri u l-limitazzjonijiet tal-fondi differenti u nattivaw l-investment privat li għandna bżonn.

Biex jgħinna nilħqu dan, il-Bank Ewropew tal-Investment se jkun sieħeb ta' fiduċja. Ninsab partikolarment kuntenta li l-progress li għamel biex isaħħaħ ir-rwol tiegħu bħala l-bank tal-klima tal-UE jidher ċar. Dan se jagħti spinta lill-investment fit-teknoloġiji Ewropej u s-soluzzjonijiet li d-dinja qed tfittex.

Iżda fadal xi jsir.

Aħna responsabbli biss għal madwar 9 % tal-emissjonijiet globali. Irridu nġibu lill-bqija tad-dinja magħna u dan diġà qed iseħħ.

Miċ-Ċina għall-Kanada, sa Kalifornja, hemm oħrajn li qed jaħdmu magħna fuq Skemi tagħhom għan-Negozjar ta' Emissjonijiet. U Phil Hogan se jiżgura li l-ftehimiet kummerċjali futuri tagħna jinkludu kapitlu dwar l-iżvilupp sostenibbli.

Għax il-koll nafu: it-tibdil fil-klima huwa dwarna l-koll. Għandna d-dmir li naġixxu u l-poter li mmexxu.

Onorevoli Deputati,

Id-diġitalizzazzjoni tippermetti affarijiet li ġenerazzjoni ilu wieħed lanqas kien jaħsibhom.

Il-komunikazzjoni ma' xulxin madwar id-dinja, l-aċċess għall-informazzjoni, il-progress fil-mediċina, il-ħarsien tal-ambjent, il-mobbiltà u l-inklużjoni. M'hemmx futur mingħajr id-diġitalizzazzjoni. Margrethe Vestager hija l-persuna li se tippermettilna navvanzaw f'din it-triq.

Se nawtomatizzaw attivitajiet li għalina l-bnedmin huma diffiċli, pereżempju l-irfiġħ ta' tagħbijiet jew xogħlijiet ripetittivi, kemm jekk fil-fabbrika kemm jekk fuq l-iskrivanija.

U dan se jipprovdi iktar ħin. Ħin għal dak li l-bnedmin verament huma kompetenti fih u li ma jafux jagħmluh il-komputers: *l-empatija u l-kreattività.*

Ir-robot tal-kura jista' jgħin fit-trasferiment minn sodda għall-oħra u d-diġitalizzazzjoni tista' tgħin fl-attivitajiet amministrattivi, biex il-persunal tal-kura jerġa' jkollu ħin biex jagħmel dak li verament huwa importanti: jitkellem mal-pazjenti u *jkun hemm għalihom*.

Bid-diġitalizzazzjoni se nkunu nistgħu nużaw ir-riżorsi b'mod iktar effettiv u effiċjenti, għax se nkunu nistgħu nikkontrollaw kollox b'mod preċiż ħafna, il-konsum tal-ilma, l-enerġija, ir-riżorsi prezzjużi kollha tal-pjaneta tagħna.

Iva, id-diġitalizzazzjoni se tibdel is-soċjetà tagħna, l-ekonomija tagħna, l-amministrazzjoni tagħna mill-qiegħ; dan diġà qed tagħmlu llum.

Sabiex nisfruttaw l-opportunitajiet kbar u nindirizzaw ir-riskji, irridu noħolqu bilanċ ġust fejn is-suq ma jirnexxilux, irridu niproteġu l-prosperità Ewropea tagħna kif ukoll il-valuri tagħna, **irridu nkomplu nimxu l-perkors Ewropew anki fl-era diġitali**.

Xi rridu nindirizzaw b'mod konkret:

L-ewwel irid ikollna l-ħakma tat-teknoloġiji ewlenin u s-sjeda tagħhom fl-Ewropa. Dawn jinkludu ċertament il-kompjuters tal-kwantum, l-intelliġenza artifiċjali, il-blockchain u teknoloġiji kritiċi taċ-ċippis.

Sabiex nirnexxu, sabiex nagħlqu d-distakk eżistenti, irridu nindirizzaw l-affari flimkien. Ejjew niġbru flimkien ir-riżorsi tagħna. Il-flus tagħna, il-kapaċitajiet ta' riċerka tagħna, l-għarfien tagħna u l-implimentazzjoni f'azzjoni.

Dan għamilnih fil-każ tas-superkompjuter. L-Ewropa tinsab fil-proċess li takkwista wieħed mill-iktar tliet kompjuters b'saħħithom fis-suq dinji. Il-ġenerazzjoni li jmiss ta' superkompjuters trid tinbena minna stess.

It-tieni, l-Ewropa għandha x-xjenzati u l-kapaċitajiet industrijali kollha biex tikkompeti f'dawn l-oqsma, ejjew ma npinġux lilna nfusna iżgħar milli aħna.

L-innovazzjoni teħtieġ imħuħ intelliġenti, imma għandha bżonn ukoll id-diversità u l-ispazju fejn wieħed jimraħ. Dan kollu nsibuh hawn fl-Ewropa, in-nies iridu jgħixu hawnhekk, iridu jirriċerkaw hawnhekk, iridu jfasslu l-futur tagħhom hawnhekk.

It-tielet, għandna bżonn infrastruttura adattata għall-futur bi standards komuni, kif ukoll netwerks tal-gigabit u clouds sikuri tal-ġenerazzjoni tal-lum kif ukoll ta' għada.

Ir-raba', id-data hija l-materja prima tad-diġitalizzazzjoni. B'kull klikk qegħdin nitimgħu l-algoritmi li min-naħa tagħhom jinfluwenzaw l-imġiba tagħna.

Hekk kif permezz tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data stabbilixxejna l-qafas għad-dinja, l-istess irridu nagħmlu fil-każ tal-Intelliġenza Artifiċjali. Għax fl-Ewropa naħsbu fil-bniedem. Il-kwistjoni mhijiex li nwaqqfu l-fluss tad-data. Il-kwistjoni hija li noħolqu regoli dwar kif id-data għandha tiġi ttrattata b'mod responsabbli. **Għalina, il-protezzjoni tal-identità diġitali hija prijorità ewlenija.**

Il-ħames, fl-istess waqt irridu l-innovazzjonijiet. Illum, 85 % tad-*data* mhux personali kollha ma tintuża qatt. Din hija ħela.

Irridu nużaw it-tagħrif li jinsab f'dik id-*data*. Irridu noħolqu qafas li fih il-gvernijiet u l-imprezi jkunu jistgħu jaqsmu d-*data* u mbagħad jagħmluha disponibbli f'pool sikur. Ma nista' naħseb f'ħadd iktar kompetenti minn Thierry Breton biex ifassal strateġija tad-*data* għal dan il-għan.

Is-sitt, iċ-ċibersigurtà hija l-faċċata l-oħra tad-diġitalizzazzjoni – u b'hekk ukoll hija prijorità għalina.

Għall-kompetittività tal-kumpaniji Ewropej għandna bżonn **l-ogħla rekwiżiti tas-sikurezza u approċċ Ewropew uniformi**. Għal dan il-għan irridu nxerrdu l-għarfien dwar il-perikli. Ikun tajjeb li noħolqu pjattaforma uniformi, aġenzija għaċ-ċibersigurtà komprensiva. Hekk biss nistgħu nsaħħu l-fiduċja fl-ekonomija interkonnessa u nżidu r-reżiljenza kontra kull tip ta' riskju.

Jista' jirnexxielna nwettqu dan kollu jekk nipproċedu flimkien, jekk nibnu fuq il-valuri Ewropej tagħna. Jekk nagħmlu dan, ninsab konvinta li l-Ewropa se jkollha wkoll rwol ewlieni fl-era diġitali wkoll.

L-Ewropa kapaċi!

Onorevoli membri,

L-Ewropa għandha ħafna biex tkun kburija.

Aħna s-superpotenza kummerċjali tad-dinja. Aħna l-ewwel fil-klassifika globali fl-esportazzjoni tal-prodotti manifatturati u tas-servizzi. Aħna kemm l-akbar sors kif ukoll l-akbar destinazzjoni ta' investiment dirett barrani kullimkien fid-dinja.

L-industrija tagħna hi ta' klassi globali fis-servizzi ta' valur għoli, pereżempju tagħmel terz tas-satelliti spazjali tad-dinja. U l-kumpaniji tagħna huma avvanzati ħafna, u għandhom 40% tal-privattivi fil-qasam tat-teknoloġija rinnovabbli.

Għandna nisfruttaw din is-saħħa trasformattiva ta' tranżizzjoni doppja diġitali u tal-klima biex insaħħu l-bażi industrijali u l-potenzjal tal-innovazzjoni tagħna.

Dan jista' jsir biss permezz tal-investment.

U, Onorevoli Membri, irridu nespandu. Għal diversi snin, investejna anqas fl-innovazzjoni mill-kompetituri tagħna. Dan huwa żvantaġġ enormi għall-kompetittività tagħna kif ukoll għall-kapaċità tagħna biex inwettqu din it-trasformazzjoni.

Huwa għalhekk li m'għandniex naraw il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss bħala sempliċiment eżerċizzju ta' kontabilità. Id-dinja ta' seba' snin ilu, ma tixbah xejn lid-dinja kif se tkun seba' snin oħra. **Il-baġit tagħna jrid jiġi mmodernizzat b'mod sinifikanti.**

Naf li f'dan il-qasam nista' nistrieħ mhux biss fuq l-esperjenza u l-ħila ta' Johannes Hahn imma anke fuq dan il-Parlament.

Madankollu hemm limitu sa fejn il-baġits pubbliċi jistgħu jasl. Irridu niżguraw li l-investment ikun jista' jgħaddi sa fejn huwa meħtieġ billi titlesta l-Unjoni tas-Swieq Kapitali. Dan se jgħin biex in-negozji ż-żgħar u n-negozji l-ġodda jkollhom aċċess aħjar għall-finanzjament biex ikunu jistgħu jikbru, jirrinovaw u jieħdu r-riskji li hemm bżonn.

U l-istess jgħodd għall-Unjoni Bankarja. Irridu nlestuha sabiex inkompli nsaħħu s-sistema finanzjarja tagħna nagħmluha aktar reżiljenti.

Dan l-inkarigu fdajtu f'idejn Valdis Dombrovskis, il-persuna ideali għal dan ix-xogħol maqtugħ għalih. Huwa se jiżgura li l-ekonomija tagħna taħdem għan-nies. Impjiegi ta' kwalità, opportunitajiet indaqs, kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u inklużjoni. Huwa jaf li hemm bżonn finanzi pubbliċi sodi għal tkabbir sostenibbli.

U se jixpruna l-kompetittività u s-sostenibbiltà tagħna. Dawn imorru id f'id.

M'għandna qatt ninsew li s-sostenibbiltà kompetittiva dejjem kienet fil-qalba tal-ekonomija soċjali tas-suq tagħna.

Konna sempliċiment insejfulha b'mod differenti.

Aħsbu f'dawk l-impriżi kollha mmexxjin mill-familji madwar l-Unjoni Ewropea kollha. Ma kinux mibnija biss fuq il-valur tal-azzjonisti jew il-bonus li kien imiss. Dawn inbnew biex idumu fit-tul, biex jgħaddu minn ġenerazzjoni għall-oħra, biex jipprovdu livell ta' għajxien ġust lill-impjegati. Kienu mibnija fuq passjoni għall-kwalità, tradizzjoni u innovazzjoni.

L-affarijiet li nagħmlu llum jista' jkun li nbidlu. Iżda rridu niskopru mill-ġdid is-sostenibbiltà u l-kompetittività tagħna, ħbieb tiegħi f'din il-Kamra.

Kien f' dan l-ispirtu li kull wieħed mill-Istati Membri impenja ruħu għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti. U huwa f'dan l-ispirtu li Paolo Gentiloni se jissorvelja l-implimentazzjoni tal-Għanijiet. Huwa jemmen fihom u jiena nemmen fih.

L-ekonomija Ewropea rkuprat minn waħda mill-aġħar kriżijiet ekonomiċi u finanzjarji minn tmiem it-Tieni Gwerra Dinjija. Is-suq tax-xogħol għadu b'saħħtu u l-qgħad qed ikompli jonqos.

Madankollu, is-sħab qed jiġma' fuq l-orizzont, u l-Ewropa għandha tfejji ruħha għal dak li ġej ma' wiċċha. Irridu norbtu fuq dak li jagħmilna b'saħħitna: is-suq uniku tagħna, il-munita unika tagħna.

Wasal iż-żmien li nikkompletaw l-Unjoni Ekonomika u Monetarja tagħna biex inwasslu għat-tkabbir u l-impjiegi billi nżidu r-reżiljenza makroekonomika. Irridu nużaw il-flessibbiltà permessa skont il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir biex l-ekonomiji tagħna nagħtuhom iż-żmien u l-ispazju biex jikbru.

U fl-istess waqt, għandna nwieżnu lill-Istati Membri b'investimenti mmirati u riformi strutturali. Ma nista naħseb f'ħadd aħjar minn Elisa Ferreira biex tmexxi din il-ħidma.

Onorevoli Membri,

Ix-xahar li għadda, 39 persuna tilfu ħajjithom fuq wara ta' trakk, wara li ġew traffikanti minn mill-inqas erba' pajjiżi Ewropej.

Hija traġedja li omm fil-Vjetnam tirċievi messaġġ mingħand bintha fl-Ewropa tgħid li ma għandhiex spazju fejn tiegħu n-nifs.

Għal dawk id-39 persuna. Għal ommiethom, missirijethom u ħbiebhom: ilkoll naqblu li dan m'għandux jerġa' jigrì.

In-nies jistennew li l-Ewropa ssib soluzzjonijiet komuni għall-isfida komuni tal-immigrazzjoni. Din hija problema li firditna imma issa għandna nagħmlu pass 'il quddiem. Għandna bżonn soluzzjonijiet li jaħdmu għal kulħadd.

Dan huwa l-kompitu li tajt lil Margaritis Schinas u Ylva Johansson. Bil-ħiliet u l-perspettivi differenti tagħhom, se jiffurmaw tim formidabbli.

Onorevoli Membri, ħaġa waħda hija fiċ-ċert:

l-Ewropa dejjem se tipprovdi kenn lil dawk li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali. U huwa fl-interess tagħna li dawk li jibqgħu, jiġu integrati fis-soċjetà tagħna.

Iżda rridu niżguraw ukoll li dawk li ma għandhomx dritt jibqgħu, jintbagħtu lura d-dar.

Irridu nkissru l-mudell krudili tan-negożju tat-traffikanti tal-bnedmin.

Irridu nirriformaw is-sistema tal-ażil tagħna, filwaqt li qatt ma ninsew il-valuri tagħna ta' solidarjetà u responsabbiltà.

Jeħtieġ li nsaħħu l-fruntieri esterni tagħna biex inkunu nistgħu nirritornaw għal Schengen li jaħdem kompletament. Jeħtieġ li ninvestu fis-sħubijiet tagħna ma' pajjiżi tal-orìġini biex intejbu l-kundizzjonijiet u noħolqu l-opportunitajiet.

Mhux se jkun faċli – iżda, ejjew niftakru fi kliem Václav Havel, *din hija kawża tajba*.

Il-migrazzjoni mhux se ddub fix-xejn – se tibqa' magħna.

Għalhekk, naħseb **li Ewropa li hija tant kburiya bil-valuri tagħha u tant kburiya bl-istat tad-dritt, għandha tkun tista' toħroġ bi tweġiba li hija kemm umana kif ukoll effettiva.** Għandna nkunu kapaċi nagħmlu dan.

U l-istess tim ta' Margaritis Schinas u Ylva Johansson se jkun responsabbli wkoll għat-tisħiħ tas-sigurtà interna tagħna.

Huma se jiżguraw li l-kooperazzjoni fil-qasam tal-infurzar tal-liġi tkun tista' tindirizza l-isfidi l-ġodda u dawk li qed jixirfu. U se jiżguraw li l-Europol, l-aqwa għodda li għandna fil-ġlieda kontra l-kriminalità, tkun idonea għall-iskop tagħha.

Onorevoli Membri,

Meta kont tifla, ngħix fi Brussell, oħti ż-żgħira mietet bil-kanċer fl-età ta' 11-il sena. Niftakar il-qtigħ il-qalb sfiq tal-ġenituri tiegħi – iżda wkoll tal-persunal mediku li kienet ta' kura ta' kura.

Kull wieħed u waħda minna għandu storja simili – jew jaf lil xi ħadd li għandu. L-għadd ta' każijiet ta' kanċer qed jiżdied iżda qed intejbu d-djanjosi u l-kura.

L-Ewropa se tkun minn ta' quddiem fil-ġlieda kontra l-kanċer.

Kmieni s-sena d-dieħla, Stella Kyriakides, se tnedi pjan ambizzjuż dwar il-kanċer. Hi l-aħjar persuna biex tiżgura li l-Pjan Ewropew Kontra l-Kanċer jgħin biex inaqqas it-tbatija kkawżata minn din il-marda.

Il-punt hu li l-Ewropa teħtieġ li tiegħu kienet ta' kura ta' kura li n-nies jimpurtahom dwarhom.

In-nies jimpurtahom mill-futur tat-tfal tagħna u tas-soċjetà tagħna.

Il-kultura u l-edukazzjoni huma dak li jorbot l-istorja tagħna mal-ġejjieni tagħna. Dan hu li jagħmilna uniċi. Ruħna, il-kultura tagħna, id-diversità tagħna, il-wirt komuni tagħna.

U naf li b'Mariya Gabriel fit-tmun se nkunu f'idejn sodi. Huwa għalhekk li ninsab kuntenta nħabbar li l-portafoll tagħna se jingħata l-isem ta' Kummissarju għall-Innovazzjoni, ir-Riċerka, il-Kultura, l-Edukazzjoni u ż-Żgħażaġħ.

In-nies jimpurtahom mill-ġustizzja u l-ugwaljanza f'kull sens tal-kelma.

Din hija r-raġuni għaliex għażilt lil Nicolas Schmit biex ikun inkarigat mill-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-ġlieda kontra l-faqar mit-tfulija 'l quddiem. Huwa se jressaq qafas biex jiżgura li kull ħaddiem fl-Unjoni tagħna jkollu paga minima ġusta.

U Helena Dalli se tkun il-promotur li għandna bżonn biex ninfdu dawn il-barrieri. Dawk l-ostakoli li qed iżommu lin-nies lura minħabba min huma, minħabba dak li jemmu u minħabba dawk li jħobbu.

Dawn l-ostakoli għandhom jisparixxu! Daqshekk.

In-nies jimpurtahom mid-drittijiet, il-valuri u l-libertajiet tagħhom.

L-Istat tad-dritt huwa l-pedament tagħna u qatt ma jista' jitqiegħed fil-periklu. Irridu niżguraw li jkun rispettat u appoġġat kullimkien, u li kull pajjiż jiġi ttrattat l-istess.

Irridu niffukaw fuq id-djalogu u l-prevenzjoni iżda qatt ma għandna noqogħdu lura milli nieħdu l-miżuri kollha meħtieġa. Neħtieġu l-esperjenza u l-involviment. U Věra Jourová u Didier Reynders huma l-aħjar nies biex jagħmlu eżattament dan.

In-nies jimpurtahom mill-arja li jieħdu n-nifs minnha, mill-ilma li jixorbu, mill-ikel li jieklu u min-natura li jgħożżu.

Ilkoll nistgħu nkunu sodisfatti li Virginijus Sinkevičius se jkun qed imexxi l-għlieda Ewropea biex titthares il-bijodiversità u l-oċeani filwaqt li jiġi żgurat li l-komunitajiet tagħna tas-sajjieda u dawk kostali jiffjorixxu.

U għandna lil Janusz Wojciechowski li se jiżgura li l-bdiewa tagħna jistgħu jirnexxu wkoll billi jadattaw għal realtajiet ġodda.

It-tranżizzjoni doppja – il-klima u d-diġitalizzazzjoni – se ġġib magħha bidliet għal kulħadd, iżda ma hemm l-ebda dubju: **il-biedja se tibqa' parti apprezzata mill-kultura u l-ġejjieni tagħna.**

Irridu strateġija sostenibbli mill-għalqa sal-platt. Kemm l-aċċess tal-bdiewa zgħażaġh għall-kapital, kemm il-fatt li l-prodotti impurtati minn pajjiżi terzi jridu jkunu konformi mal-istandards ambjentali tal-Unjoni Ewropea.

U n-nies jimpurtahom li jkollhom sehem fid-diskussjoni dwar il-futur tagħhom.

Il-parteċipazzjoni fl-elezzjoni Ewropea ta' din is-sena kienet l-oġġla waħda fi kwart ta' sekl. Iżda l-parteċipazzjoni demokratika ma tiqafx fil-jum tal-elezzjoni.

Ser nimmobilizzaw l-aħjar enerġiji tal-Ewropa minn kull parti tal-Unjoni tagħna, mill-istituzzjonijiet kollha, minn kull qasam tal-ħajja biex nieħdu sehem fil-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa. Għandha tkun inklussiva għall-istituzzjonijiet u ċ-ċittadini kollha u l-Parlament Ewropew għandu jkollu rwol ewlieni. Min-naħa tal-Kummissjoni, Dubravka Šuica – membru ta' esperjenza f'din il-Kamra – se taħdem mill-qrib magħkom biex dan jirnexxi.

Onorevoli Membri,

Ilkoll nafu li Membru wieħed mill-familja tagħna għandu l-intenzjoni li jitlaq mill-Unjoni.

U jien qatt ma ħbejt il-fatt li jiena dejjem se nibqa' persuna favur ir-Renju Unit fl-UE. Se nirrispettaw id-deċiżjoni li ħa l-poplu Brittanniku.

Ser naħdmu flimkien mill-qrib biex insibu soluzzjonijiet għal sfidi komuni – speċjalment dwar kwistjonijiet ta' sigurtà. Iżda ħaġa waħda trid tkun assolutament ċara:

Huma x'inhuma l-isfidi li l-ġejjieni għandu għalina, ir-rabta u l-ħbiberija bejn il-popli tagħna ma jistgħux jinħallu.

Onorevoli Membri tal-Parlament,

30 sena oħra, oħrajn hawnhekk se jifflu l-azzjonijiet tagħna, kif għamilt jien fil-bidu tad-diskors tiegħi.

X'se jgħidu?

Dan jiddependi minn dak li se nagħmlu flimkien. Jekk nagħmlu xogħolna sew, l-Ewropa tal-2050 se tkun l-ewwel kontinent fid-dinja li jkun newtrali fil-karbonju.

Se tkun qawwa diġitali minn ta' quddiem nett. Se tkompli tkun l-ekonomija li jirnexxilha tilħaq bilanċ bejn il-forzi tas-suq u l-problemi soċjali. U se tmexxi l-isforzi biex jissolvew il-problemi globali l-kbar.

It-triq hija iebsa, imma x-xogħol mhux faċli. Imma flimkien nistgħu naslu.

Ejja nspiraw ruġna minn dan l-ispirtu ta' ottimiżmu u ta' volontà li 30 sena ilu ċarrtet il-purtiera tal-ħadid.

Biex nerġa' nsemmi lil Václav Havel, hemm miljuni ta' Ewropej li qed jistinkaw għal xi ħaġa, għax dik hija kawża ġusta.

Hemm dawk li qed jinvestu biex isaħħu l-komunitajiet tagħhom.

Hemm dawk li qed jagħtu ħinhom biex jieħdu ħsieb l-anzjani jew biex inadddu ġnien pubbliku.

Hemm dawk qed jipprotestaw fit-toroq - imma wkoll li qed jagħmlu tibdil fl-istil tal-ħajja tagħhom biex jiproteġu l-klima.

Dawn huma nies li jridu jagħmlu d-differenza.

Aħna wkoll, il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni, aħna wkoll irridu nagħmlu d-differenza.

Hu f'dan l-ispirtu li jien sawwart it-tim tiegħi u huwa f'dan l-ispirtu wkoll li llum ninsab hawn quddiemkom biex nitlobkom il-fiduċja tagħkom.

Ejja mmiddu għonqna għax-xogħol ħalli 30 sena oħra nkunu nistgħu ngħidu l-istess:

Vive l'Europe, es lebe Europa, long live Europe!

